**Is-Sibt**

**It-Tielet ġimgħa tas-salterju**

## L-EWWEL GĦASAR

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### INNU

1.
Riesaq il-lejl, Mulejja,
bil-wegħda tal-mistrieħ;
ġa beda s-sema jħammar
fi nżul ix-xemx sabiħ!

2.
Dalwaqt jixirfu l-kwiekeb
filgħoli tas-smewwiet;
dalwaqt il-ħajja torqod,
kull ħoss imut fis-skiet.

3.
Inti, li dejjem tgħammar
fis-sebħ ta' jum bla tmiem,
fid-dlam tal-lejl ħarisna,
xerred fi qlubna s-sliem.

4.
Jagħtuk kull ġieħ il-ħlejjaq,
Mulej, għax int ħanin,
u tridna lkoll madwarek
fix-xirka tal-henjin. Amen.

### SALMODIJA

Ant. 1 Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha jkun imfaħħar isem il-Mulej!

### Salm 112 (113)

Faħħru, qaddejja tal-Mulej, *
faħħru isem il-Mulej.
Ikun imbierek isem il-Mulej, *
minn issa u għal dejjem.
Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha *
ikun imfaħħar isem il-Mulej!

Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej, *
ogħla mis-smewwiet hu sebħu.
Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna, †

li qiegħed fl-għoli? *
Hu li jħares ‘l isfel, lejn is-smewwiet
u lejn l-art.

Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken, *
u jerfa’ mill-miżbla l-fqajjar,

biex mal-kbarat iqiegħdu, *
mal-kbarat tal-poplu tiegħu.
Il-mara bla wlied iqegħedha f’darha, *
jagħmilha omm ferħana b’uliedha.

Ant. Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha jkun imfaħħar isem il-Mulej!
Ant. 2 Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, u isem il-Mulej insejjaħ.

**Salm 115 (116B)**

Bqajt nemmen, imqar meta għedt: *
“Jiena mdejjaq ħafna!”
Jien għedt fin-niket tiegħi: *
“Qarrieq hu kull bniedem.”

Xi nrodd lill-Mulej *
għall-ġid kollu li għamel miegħi?
Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, *
u isem il-Mulej insejjaħ.

Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi *
quddiem il-poplu tiegħu kollu.
Għażiża f’għajnejn il-Mulej *
hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.

Iva, Mulej, jien qaddej tiegħek, *
jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek.
Int ħallejtli l-irbit tiegħi, †
Lilek noffri sagrifiċċji ta’ radd il-ħajr, *
u isem il-Mulej insejjaħ.

Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi *
quddiem il-poplu tiegħu kollu,
fil-btieħi ta’ dar il-Mulej, *
ġo nofsok, Ġerusalemm.

Ant. Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, u isem il-Mulej insejjaħ.
Ant. 3 Il-Mulej Ġesù ċekken lilu nnifsu, u għalhekk Alla għollieh fil-glorja għal dejjem.

**Kantiku (Fil 2,6-11)**

Ġesù Kristu, li kellu n-natura ta’ Alla, *

ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla.
Imma tneżża' minn kollox, billi ħa n-natura ta' lsir, †
sar jixbah lill-bniedem *
u deher minn barra bħala bniedem:
ċekken lilu nnifsu, †
billi obda sal-mewt, *
anzi sal-mewt tas-salib.

Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, *
u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem.
biex fl-isem ta' Ġesù, †
fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, *
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkubbtejhom,
u kull ilsien jistqarr: †
"Ġesù Kristu hu l-Mulej *
għall-glorja ta' Alla l-Missier."

Ant. Il-Mulej Ġesù ċekken lilu nnifsu, u għalhekk Alla għollieh fil-glorja għal dejjem.

**LEZZJONI QASIRA Lhud 13, 20-21**

Alla tas-sliem, li bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem qajjem mill-imwiet lil Sidna Ġesù, li hu r-Ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, iwettaqkom f'kull ħaġa tajba biex tagħmlu r-rieda tiegħu; ħa jagħmel fina hu dak li jogħġob lilu, b'Ġesù Kristu, li lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem! Amen.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Kemm huma kbar, Mulej, * L-għemejjel tiegħek. Kemm.
V. Kollha bl-għerf għamilthom * L-għemejjel tiegħek. Glorja. Kemm.

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.

Mela b’kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom ‘il barra b’xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b’riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kantiku ta’ Marija: Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

**PREĊI**

Kristu ġietu ħasra mill-poplu bil-ġuħ, u għamel l-għeġubijiet ta’ mħabbtu għalihom. Bit-tifkira ta’ dan quddiem għajnejna, nitolbuh bil-qalb u ngħidulu:
*Mulej, uri l-imħabba tiegħek għalina.*
Nistqarru b’radd ta’ ħajr, Mulej, li l-ġid kollu li llum irċevejna tajthulna int fit-tjieba tiegħek:
- agħmel li dan il-ġid ma jerġax lura għandek b’xejn, imma jibqa’ f’qalbna qisu f’art tajba biex jagħmel il-frott.
Kristu, inti d-dawl u s-salvazzjoni tal-ġnus:
- ħares ix-xhieda tiegħek li bgħatt fid-dinja u żomm in-nar ta’ l-Ispirtu mixgħul fihom.
Agħmel li l-bnedmin kollha jħabirku biex id-dinja tilbes dejjem is-sura li tixraq lid-dinjità għolja tagħha:
- mexxihom int biex iwieġbu bil-ġenerożità għall-bżonnijiet urġenti ta’ żminijietna.
Int, it-tabib tar-ruħ u l-ġisem, qajjem lill-morda u ieqaf mal-moribondi:
- żur u ġedded lilna wkoll bit-tjieba tiegħek.
Ħenn għal ħutna l-mejtin li għandhom ismijiethom fil-ktieb tal-ħajja:
- agħtihom sehem mal-qaddisin fl-hena tas-sema.

**Missierna**

**Talba mill-Proprju taż-żmien.**

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem. **Amen.**